MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 70/2004/1

**Anthony Vella u Jacob Vella**

**vs**

**Moira Mercieca**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Novembru 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003), waqt li l-attur Jacob Vella kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAC-080 proprjeta' ta' l-attur l-iehor Anthony Vella, fi Triq Marsalforn, Victoria,

Ghawdex, sehhet kollizjoni mal-vettura tal-konvenuta bin-numru GAU-327 ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi konsegwenza ta’ dan l-incident, il-vettura ta’ l-attur sofriet hsara ammontanti ghal seba mija u tmintax il-lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm718.35).

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jigi mitlub sabiex jiddikjara l-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo u jikkundannaha thallas lill-atturi d-danni kollha sofferti mill-atturi konsegwenza ta’ dan l-incident.

Bl-ispejjes ta’ din il-procedura inkluz l-ispejjes tal-ittra interpellatorja datata 13 ta’ Marzu 2004 u tal-ittri ufficjali spediti f’April 2004 u dik kontestwalment ma’ dan l-avviz.”

Ra r-risposta u l-kontrotalba:

“1. Illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-attur Jacob Vella minhabba illi naqas illi josserva ir-regolamenti tat-traffiku, u minhabba illi saq b’manjiera traskurata;

3. Illi ghalhekk l-esponenti ma hix tenuta thallas l-ebda danni konsegwenti ghal dan l-incident;

4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost qed jigi kkontestat l-ammont li qed jigi reklamat mill-atturi bhala valur tad-danni subiti.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta’Novembru 2003.

Peress illi l-incident de quo gara unikament tort u htija tal-attur Jacob Vella, illi kien qed isuq fuq in-naha mhux proprja u korretta tal-karreggjata, minhabba sewqan esagerat u minhabba nuqqas ta' zamma ta' proper look out.

U peress illi d-danni sofferti mill-esponenti per konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghal circa tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltija (Lm381).

Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandux dan it-Tribunal jiddikjarak unikament responsabbli ghall-incident imsemmi, jillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-esponenti per konsegwenza tal-incident fuq imsemmi u jikkundannak thallas lill-esponenti d-danni kollha sofferti minnha tort ta' dan l-incident.

Bl-ispejjez."

Sema' l-provi u ezamina l-iskizz redatt mill-pulizija;

Ikkunsidra:

It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti.

L-atturi jsostnu li l-konvenuta baqghet hierga dritt mill-passagg kampestru bla ma waqfet ghal gewwa Triq Marsalforn, Rabat, Ghawdex, u qasmet it-triq sakemm habtet mal-vettura misjuqa fuq in-naha tax-xellug tat-triq fid-direzzjoni ta' Victoria  mill-attur Jacob Vella.  Isostnu li l-habta sehhet fil-punt fejn hemm indikat *fragments of indicator* faccata ezatt tal-passagg kampestru laterali mnejn harget il-konvenuta, fil-karreggjata tax-xellug tat-triq.  Huma jinnegaw li Jacob Vella kien qieghed jaghmel manuvra ta' surpass u li allura kien fuq in-naha tal-lemin tat-triq.

Il-konvenuta tghid li hija waqfet fit-tarf tal-passagg  u rat li kien hemm minibus ghaddejja faccata taghha fuq ix-xellug tat-triq; u li warajha kien hemm zewg vetturi ohrajn; l-ahhar wahda kienet dik tal-attur.  Fuq in-naha tal-lemin tat-triq ma rat lil hadd u ghalhekk bdiet issuq u kisret

kwazi ghal kollox fid-direzzjoni ta’ Marsalforn u cioe’ fid-direzzjoni opposta ghall-vetturi li kienu telghin lejn Victoria. F’dan il-mument, dejjem skond il-verzjoni tal-konvenuta, Vella hareg mill-karreggjata tieghu biex jissorpassa l-vetturi ta’ quddiemu, habat man-naha ta’ quddiem lemini (front right) tal-vettura tal-konvenuta u baqa’ sejjer bla ma zamm brejk. Bl-impatt, il-konvenuta waqghet lejn ix-xellug taghha tant li tilfet momentarjament il-kontroll tal-isteering, izda dlonk regghet hadet il-kontroll tieghu u ghafset il-pedala tal-brejk. Il-habta, tghid l-attrici, ma sehhitx fuq in-naha tax-xellug tat-triq, imma fuq in-naha tal-lemin fejn hemm indikat *dry mud left from Toyota* u cioe’ press-a-poko fin-nofs ta’ din il-karreggjata.

L-ewwel kompitu ta’ dan it-Tribunal huwa li jistabilixxi liema wahda minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija l-iktar fededenja. Imqar f’kaz ta’ diffikulta kbira, wiehed m’ghandux jistahba facilment wara l-principju ta’ *actor non probante, reus absolvitur.* Fil-kaz ta’ zewg verzjonijiet konfiggenti jrid jigi ezaminat jekk jirrizultax mill-provi, fuq bazi ta’ probabilita’, liema wahda hija l-iktar verosimili, u dan anke fid-dawl tar-*res gestae.* Dawn tal-ahhar, min-naha l-wahda jikkorroboraw il-verzjoni tal-konvenuta u min-naha l-ohra jikkontradicu l-verzjoni moghtija mill-atturi:

1. il-hsara fuq il-vettura tal-konvenuta hija fuq il-front right taghha. Kieku l-habta saret bil-mod kif iddeskrivewha Jacob Vella u shabu, il-hsara kienet tkun lokalizzata fuq il-faccata, u mhux fuq il-gemb tal-karozza.

2. kieku kienet il-konvenuta li dahlet perpendikularment fuq il-gemb tal-vettura misjuqa minn Jacob Vella, il-vettura tal-konvenuta kienet, bl-impatt, tmur lura fid-direzzjoni ta’ Victoria, u mhux il-quddiem.

3. it-tajn huwa indikazzjoni iktar soda ta’ fejn sehhet il-habta ghax dan huwa tqil u ma jtirx, filwaqt li mhux hekk huwa l-frak tal-indicator li facilment itir mal-impatt; specjalment fil-kaz prezenti fejn il-vettura tal-attur baqghet miexja

4. il-konvenuta tghid li bl-impatt hija twaddbet fuq in-naha tax-xellug tal-vettura taghha. Dan mhux kompatibbli ma’ habta perpendikulari, f’liema kaz hija kienet titwaddab ’il quddiem ghal go li steering. Dan huwa kompatibbli invece ma’ daqqa fix-xewka leminija tal-vettura taghha.

5. sfortunatament l-atturi ma pproducew l-ebda ritratt tad-daqqa fuq il-vettura tal-attur Anthony Vella. Fir-rapport tas-surgent Frank Gauci, pero’ hemm indikat li l-hsara kienet fil- *front and rear right hand side doors which damages started beneath the driver’s side mirror.* Billi wara l-habta baqa’ miexi ’l quddiem, isuq, ghal distanza konsiderevoli, u dan minghajr ma applika l-brejk, difficli jimmagina kif ghamel dan wara li l-konvenuta dahlet fuqu perpendikolarment. Kieku kien hekk, il-vetturi kienu jingaljaw ruhhom ma’ xulxin, jew almenu l-attur kien jieqaf f’distanza qasira ’l boghod mill-impatt. Bil-maqlub, il-hsarat imgarrba mill-vettura tal-attur Anthony Vella iktar jikkorrispondu ma’ dawk ta’ vettura li kienet ghaddejja taghmel manuvra ta’ surpass u, hija u ddawwar lura lejn ix-xellug taghha, hakket mal-kantuniera jew xewka tal-vettura tal-konvenuta, gejja bil-mod mid-direzzjoni opposta. Kien kawza ta’ dan l-impatt li l-vettura tal-konvenuta daret lejn in-naha tal-lemin taghha (u l-konvenuta twattbet lejn ix-xellug) filwaqt li baqghet miexja ’l quddiem f’distanza ezatt daqs it-tul taghha stess.

6. Ix-xhieda okulari migjuba mill-atturi, li kienu rekbin fil-vettura tieghu, ma jikkonvincux. Jghidu li raw il-habta nnifisha, jghidu li mal-habta, raw lill-konvenuta tissahhan ma’ huha li kien passiggier maghha, izda l-memorja taghhom tant iffokata f’dan il-mument, tisfuma fix-xejn kemm ghal dak li gara qabel kif ukoll dak li gara wara l-habta – amnesija parzjali mill-iktar komda u inverosimili. U la l-attur Jacob Vella u l-anqas l-istess xhieda okulari ma kellhom il-hila jispjegaw kif il-verzjoni minnhom orkestralment moghtija taqbel mal-iskizz, u b’mod partikolari hadd minnhom ma seta’ jispjega kif il-vettura tal-konvenuta spiccat fil-post muri fl-istess skizz.

Stabbilit il-mod kif sehh l-incident, jonqos jigi accertat ta’ min huwa responsabbli ghalih.

Huwa stabbilit li min johrog minn triq laterali, passagg, jew garaxx ghal go triq ewlenija, specjalment bhalma hija Triq Marsalforn, irid juza attenzjoni kbira huwa u hiereg, u joqghod attent mhux biss ghat-traffiku li jkun ghaddej fil-karreggjata tieghu, imma wkoll ghal traffiku li jkun ghaddej *wrong side*. Dan ghax, kif spiss affermat mill-qrati taghna, l-obbligu li wiehed jghaddi fuq ix-xellug tat-triq huwa fil-konfront ta' utenti ohra tal-istess triq u mhux ukoll fil-konfront ta' min jisbokka fit-triq minn garaxx jew triq laterali.

Min-naha l-ohra, huwa ugwalment stabbilit, anke mill-Kodici tat-Triq, li min jaghmel manuvra ta' surpass irid joqghod attent li jaghmel dan minghajr ma jikkawza periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u ghalhekk il-manuvra ta' surpass trid issir bl-ezercizzju tal-massima diligenza u perizja tas-sewqan.

Ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat li l-konvenuta ma adoperatx id-diligenza mehtiega ghal min ikun qieghed jidhol go triq, specjalment kif inhu l-kaz triq ewlenija – prova din li tinkombi fuq l-atturi. Hija waqfet fit-tarf tal-passagg; rat it-traffiku ghaddej fuq in-naha opposta tat-triq; rat li fuq in-naha taghha ma kien gej hadd mill-ebda direzzjoni, u dahlet fit-triq fuq in-naha taghha. Kien l-attur li kien il-kawza prossima tas-sinistru meta ssorprenda lill-konvenuta meta habta u sabta invada l-karreggjata taghha bil-manuvra ferm azzardata tieghu ta' sorpass.

Jigi osservat fl-ahharnett li Jacob Vella fi kwalunkwe kaz ma kellu l-ebda interess jistitwixxi din il-kawza billi l-vettura hija ta' missieru l-attur l-iehor u kien dan biss li sofra l-hsarat. Min-naha l-ohra huwa legittimu kontradittur ghall-kontro-talba.

Ma jidhirx li hemm diverbju fuq il-*quantum* tad-danni sofferti mill-konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tal-atturi; jilqa' l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenuta ; jiddikjara lill-attur Jacob Vella unikament

responsabbli ghall-incident kawza tas-sewqan azzardat u perikoluz tieghu u jikkundannah ihallas lill-konvenuta s-somma ta' LM378.32c ammont ta' danni minnha sofferti kawza tal-istess incident. Bl-ispejjez a kariku tal-atturi."

L-atturi appellaw minn din is-sentenza u talbu li dina l-Qorti thassar is-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravji taghhom, u allura t-talba taghhom kif kontenuta fl-avviz promotur tal-gudizzju, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata. Fil-qosor, l-aggravji taghhom huma kif gej:-

(i) It-Tribunal zbalja meta telaq fid-deliberazzjoni tieghu mill-principju "*actor non probante, reus absolvitur*";

(ii) It-Tribunal injora kompletament il-principju tar-"*res ipsa loquitur*";

(iii) It-Tribunal wasal ghal htija tieghu a bazi ta' l-assunzjoni li hu kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass;

(iv) Anke kieku kellu jigu accettat li hu kien qed isuq fuq il-*crown of the road*, xorta wahda ghandu jirrizulta li l-konvenuta ghandha parti mill-htija ghall-incident;

(v) It-Tribunal ghamel apprezzament erroneu tal-fatti li taw lok ghall-incident;

Jibda biex jigi registrat illi l-ewwel aggravju huwa ghal kollox insostenibbli. Mhux minnu li t-Tribunal adotta l-principju invokat mill-appellanti. Pjuttost il-kuntrarju hu l-kaz. It-Tribunal ghamilha cara illi "wiehed ma ghandux jistahba wara l-principju '*actor non probante, reus absolvitur*'". Gjaladarba l-kontendenti rrinfaccjaw lil xulxin bl-addebitu tal-htija permezz ta' talba u kontro-talba, it-Tribunal enuncja l-principju pacifiku illi ghall-formazzjoni u konvinciment tieghu kellu mill-ezami tar-rizultanzi istruttorji jirrikava u jistabbilixxi dawk l-elementi probatorji li jsostnu l-versjoni l-wahda jew l-ohra. Xejn ma jidher li gie eskluz

mit-Tribunal, lanqas dawk il-fatti rilevanti li rrizultaw mir-*res gestae* okkorrenti mill-iskizz u d-dinamika ta' l-incident;

Riferibilment ghat-tieni aggravju u l-principju tar-"*res ipsa loquitur*" fih invokat tajjeb li jigi qabel xejn imfakkar dak li l-Qorti ta' l-Appell, sede Civile, kolleggjalment komposta, kienet wissiet fid-decizjoni taghha tal-5 ta' April 1971 fil-kawza fl-ismijiet "**Edgar Zahra -vs- Carmelo Vassallo**":-

(1) "Apparti li f' kawza konsimili l-massima m' ghandhiex ghal li gej tigi nvokata jew applikata, anke f' kawza civili, citazzjonijiet u applikazzjonijiet taghha ga maghmula f' kawzi kriminali, ghandhom jitharsu b' ghajn kritika, barra illi, fi kwalunkwe kaz, ghandhom ukoll jigu osservati fl-uzu taghha l-kriterji ezatti u l-limitazzjonijiet li ghalihom hi soggetta";

(2) "Mhux possibbli li wiehed jikkataloga l-kazijiet fejn il-massima tista' tigi applikata u fejn ma tistax ghaliex kull accident jiddifferixxi minn kwalunkwe iehor; kull wiehed ghandu l-fattezzi pekuljari tieghu, u l-fatti jvarjaw infinitament";

(3) "F' kaz ordinarju ta' negligenza l-atti kolpuzi ghandhom jigu dikjarati u pruvati mentri f' kaz fejn tapplika l-massima, il-fatti u cirkostanzi ta' l-accident innifsu, minghajr xejn izjed, huma *prima facie* prova ta' negligenza. Wiehed ghandu jiftakar illi r-"*res*" tista' biss titkellem b' mod li titfa nferenza ta' htija fuq il-konvenut f' certi kazijiet <u>li fihom il-kawza ezatta</u> (sottolinejar ta' dik il-Qorti) ta' l-accident mhix spjegata. Jekk il-fatti ezatti huma maghrufa, il-kaz ma jistax jibqa' wiehed ta' "*res ipsa loquitur*" u s-soluzzjoni trid tinstab jekk, fuq il-fatti kif provati, tistax tigi nferita htija jew le";

Dan premess, mill-qari akkurat tas-sentenza appellata jidher li t-Tribunal, meta wiezen l-provi kollha tal-kaz biex jissodisfa ruhu min mill-partijiet ipprova l-htija ta' l-iehor, sab li l-konvenuta rikonvenzjonanti bil-kontra ta' l-attur,

iddizimpenjat il-piz gravanti fuqha li tiddemostra, bl-elementi minnha forniti, u c-cirkostanzi l-ohra attendibbli, il-fondatezza tal-pretensjoni taghha fil-kontro-talba;

Biex tinghata risposta lil certa osservazzjoni maghmula mill-appellanti f' dan l-aggravju, anke kieku kellha tammetti l-principju invoklat, mhux dejjem u f' kull kaz il-kolpa hi tas-sewwieq li jkun hiereg minn triq laterali jew sekondarja. Ibda biex, kif drabi ohra deciz, "il-*main road user* m' ghandux unikament ghax u bhala tali xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju stradali li fih ikun koinvolt *side road user*" (**Kollez. Vol. L P I p 296**). Fit-tieni lok il-kaz in ispecje ghandu fattezzi partikolari u mhux necessarjament li l-hrug tal-konvenuta fuq triq principali kellu jissarraf bhala xi manuvra nkonsulta li tikkreja disturb lill-kors ordinarju tat-traffiku. Il-kawza ezatta ta' l-incident in diskussjoni ma kienetx din;

Dan iwassal lill-Qorti biex tikkonsidra l-ahhar tliet aggravji flimkien anke ghaliex dawn strettament jirrigwardaw il-valutazzjoni tal-provi kondott mit-Tribunal, apparti l-principju tad-dritt li talvolta jistghu jkunu applikabbli;

Mir-ri-ezami taghha tal-provi processwali din il-Qorti ssib li jezistu fatturi ta' certa rilevanza li jsostnu r-ragonament u l-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal. Fir-rigward taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Fil-hsieb tal-Qorti l-iskontru sar fil-parti tal-karreggjata minn fejn kienet ghaddejja l-konvenuta. F' dan il-Qorti ma tistriehx *sic et sempliciter* fuq l-awtorita` taghha imma ssib elementi ta' korroborazzjoni tant fix-xhieda tal-konvenuta u dik ta' PS Frank Gauci (fol. 19), kif ukoll fic-cirkostanzi generali tal-kaz; *ad exemplum*, l-iskizz, d-*debris* indikanti l-i*spot of impact* u d-daqqiet fuq il-vetturi;

(2) Hi ta' rilevanza wkoll il-posizzjoni tal-vetturi kif spiccaw wara l-incident. Dik tal-konvenuta hi ghal kollox fin-naha tal-karreggjata taghha vicin it-triq minn fejn

sbokkat. Dik ta' l-attur, anke jekk fuq in-naha taghha tat-triq, tinsab ferm aktar distanti minn fejn allegatament sar l-iskontru;

(3) Mhux probabbli li d-daqqa avverrat ruhha fil-punt stabblit mill-atturi. Il-fatt li d-daqqa fuq il-karozza tal-konvenuta kienet fil-genb tal-lemin jindika li fil-mument ta' l-impatt din il-karozza kienet f' posizzjoni angolata fil-karreggjata taghha. Li kieku l-incident sehh kif suggerit mill-appellanti l-impatt kien ikun wiehed frontali u l-hsara fil-vettura tal-konvenuta kienet tkun mifruxa fuq il-faccata kollha taghha;

(4) Hemm imbaghad il-fatt tad-*debris* konsistenti mit-tajn li waqa' mill-vettura tal-konvenuta ma' l-impatt. Dan ukoll iservi ta' impronta li l-vettura tal-konvenuta ntlaqtet meta kienet fil-*lane* proprju taghha;

(5) Jezistu mbaghad elementi ohra li jincidu fuq il-kredibilita` tas-sewwieq, l-attur Jacob Vella. Filli jghid li wara l-habta l-konvenuta ressqet il-vettura lura, filli jghid li mxiet aktar 'il quddiem u filli jghid, taht it-tirocinju tal-kontro-ezami, li ma jiftakarx jekk imxietx 'il quddiem. Sahansitra jistqarr, dejjem fir-rigward ta' l-allegat caqliq tal-vettura da parte tal-konvenuta wara l-incident, illi ma setax jaraha sew ghax kien hemm vettura ohra warajh;

(6) Fir-rikors ta' l-appell l-appellanti jaccennaw li l-imsemmi attur seta' kien fuq il-*crown of the road* u allura, b' argoment estratt mill-gurisprudenza minnhom citata, il-htija tieghu ma setghetx tkun deciziva. Fl-opinjoni tal-Qorti mid-dinamika ta' l-incident hu ferm aktar probabbli li hu kien lahaq ikkavalla l-*crown of the road*, u inonda l-karreggjata tal-konvenuta. Anke jekk zmentit minnu, din il-konsiderazzjoni tissuggerixxi li f' dak il-mument tassew kien, kif rilevat mit-Tribunal, qed jaghmel sorpass. Sorpass dan li kien ghal kollox inkonsult u li sewwieq prudenti kien jevita li jaghmlu, aktar u aktar meta kif jinghad fl-okkorrenza huwa kien ra lill-konvenuta hierga minn got-trejqa fil-mument li kien qed javvicina l-lok ta' l-incident. Huwa veru li hu wera senjalazzjoni billi paqpaq il-horn izda, kif osservat, "il-fatt li *driver* idoqq il-horn ma

jaghtihx speci ta' brevett ta' immunita` ghal kull imprudenza li joghgbu jikkommetti, kontestwalment jew wara d-daqq tal-horn" - "**Pulizija -vs- Alfred Brincat**", Appell Kriminali, 10 ta' Awissu 1963;

Dawn il-konsiderazzjonijiet, u dawk l-ohra ravvisati mit-Tribunal, iwasslu lil din il-Qorti ghall-konvinciment illi, kuntrarjament ghal dak minnhom pretiz b' dan l-appell, l-appellanti ma rnexxielhomx jipprovaw il-premessi tat-talba taghha u cjoe li kienet il-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali meritu tal-kawza, jew li din ikkontribwit ghalih.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell interpost mill-atturi, bl-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------